PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0811(CNS)

10.10.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga sintetika ġdida li għandha tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali
(COM(2007)0430 – 11974/2007 – C6-0285/2007 – 2007/0811(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jean-Marie Cavada

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga sintetika ġdida li għandha tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali
(COM(2007)0430 – 11974/2007 – C6-0285/2007 – 2007/0811(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2007)0430),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat ta' l-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0285/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar punti dgħajfa tar-rapport dwar stima tar-riskju li fuqu hi bbażata l-proposta tal-Kummissjoni, partikolarment rigward evidenza ta' ħsara kkawżata minn din id-droga, u jisħaq li hemm bżonn isiru aktar studji;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew hu kkonsultat dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga sintetika ġdida li għandha tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali. Din il-miżura ta' implimentazzjoni hi meħuda mill-Kunsill fuq il-bażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/387/JHA ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

Din hi l-ewwel darba li l-Kunsill formalment ikkonsulta mal-Parlament dwar miżura ta' implimentazzjoni bħal din tat-tielet pilastru b'konformità ma' l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE. Il-Kunsill poġġa skadenza ta' tliet xhur biex il-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu b'konformità ma' l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE.

Id-deċiżjoni li tqiegħed il-BZP taħt kontroll hi bbażata fuq rapport dwar stima ta' riskju, li sar miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi u mgħoddi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2007. Wara r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, il-Kummissjoni fis-17 ta' Lulju 2007 ressqet proposta biex tqiegħed il-BZP taħt kontroll.

Ir-rapport dwar stima ta' riskju li fuqu hi bbażata l-proposta tal-Kummissjoni mhix konklużżiva. Ir-rapport jirrimarka li l-evidenza għall-ħsara li toħroġ minn din id-droga mhix qawwija biżżejjed u li għalhekk jeħtieġ aktar studju. Min-naħa l-oħra, kienu rrapurtati għadd ta' reazzjonijiet ħżiena minn nies li użaw il-BZP u l-iskadenzi stretti ta' proċedura imposti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/387/JHA ma jippermettux riċerka profonda.

Barra minn hekk, il-konklużjoni ġenerali ta' l-esperti hi li minħabba l-proprjetajiet stimulanti tagħha, ir-riskju għas-saħħa u nuqqas ta' beneficcji mediċi, jeħtieġ li l-BZP tkun ikkontrollata. Din il-konklużjoni hi konformi mal-prinċipju prekawzjonarju. Ir-riskju relattivament baxx tas-sustanza ġie meqjus fid-deċiżjoni bir-rimarka li l-miżuri ta' kontroll għandhom ikunu proporzjonati skond ir-riskji tas-sustanza.

Ir-rapporteur għalhekk jissuġġerixxi li japprova l-proposta tal-Kummissjoni waqt li jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet tar-rapport ta' stima tar-riskju.